**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 19 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 1030/01 JB**

**Vassallo Builders Limited**

**vs**

**Earthcare Company Limted**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas- socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' (Lm193.20c) mija u tlieta u disghin liri Maltin u ghoxrin centezmi bilanc minn somma akbar, rappresentanti l-valur ta' kiri ta' *L-shaped independent tower approximate size 20ft long x 4ft wide x 25ft high,* ghall-perjodu bejn il-5 ta' Gunju 2000 u t- 18 ta' Jannar 2001, ai termini ta' ftehim datat 30 ta' Mejju, 2000. (Dokumenti "A", "B" u "C1-7").

Illi non stante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mit- 18 ta' Jannar 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta, rappresentanti ta' liema huma gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza pprezentata fit- 25 ta' Ottubru, 2001 u zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Sema' lil Dr. Gabriella Vella tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghall-ispejjes ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**